

# L-IMPENN TAGĦNA GĦAL GĦAWDEX

100 PROPOSTA

*“Dan id-dokument juri biċ-ċar kif Għawdex sa jsir wieħed mis-sieħba importanti fuq l-aġenda nazzjonali”*

Il-Partit Nazzjonalista hu midħla t’Għawdex u ċ-ċittadini tiegħu. Għawdex dejjem deher bi prominenza fuq l-aġenda tal-Partit Nazzjonalista. Din id-darba qed nagħmlu pass ieħor biex nippromovu l-viżjoni tagħna għal Għawdex u nuru li l-Partit Nazzjonalista għadu u jibqa’ midħla tal-Għawdxin. Bħala parti mis-serje ta’ konvenzjonijiet politiċi ffokati, li jiena nedejt malli ġejt fdat bit-tmexxija tal-Partit, identifikajna lil Għawdex bħala waħda mill-prijoritajiet.



Dan hu r-riżultat. L-impenn tagħna b’risq Għawdex. Manifest elettorali li jqiegħed l-interessi ta’ Għawdex u l-Għawdxin bħala prijorità. Dokument li juri biċ-ċar kif Għawdex sa jsir wieħed mis-sieħba importanti fuq l-aġenda nazzjonali, u mhux l-aħħar kapitlu ta’ manifest elettorali jew ħsieb tal-aħħar f’eżerċizzju dwar x’għandha tkun il-viżjoni politika tagħna.

# L-IMPENN TAGĦNA GĦAL GĦAWDEX

Simon Busuttil, Kap tal-Partit Nazzjonalista

Taħt din l-amministrazzjoni Laburista mmexxija minn klikka korrotta f’Kastilja, Għawdex żgur li ma kienx prijorità. Ħafna mill-wegħdiet li saru mill-2013 ’l hawn sibnihom vojta. Waqt li membri tal-gvern kienu moħħhom kif ħa jiftħu kumpaniji dubjużi fil-Panama, id-differenza ekonomika bejn Malta u Għawdex kibret b’xi 3%. Is-slogan ‘Xogħol għall-Għawdxin f’Għawdex’ kien falz. Mis-sena 2013, żdiedu xi 600 ruħ oħra li qed jaqsmu kuljum lejn Malta biex jaqilgħu l-għajxien tagħhom. Għawdex ma baqax gżira ta’ opportunità għaċ-ċittadini tiegħu, imma sar gżira mmexxija mill-ftit magħżulin li kollox idur magħhom u li ħonqu l-innovazzjoni biex minflok żarmaw l-istituzzjonijiet minn dak li kien jirregolahom.

Ejjew inbiddlu l-affarijiet minn kif inhuma. Ingħaqdu mal-Forza Nazzjonali biex flimkien nagħżlu dak li hu sewwa flok dak li hu ħażin, biex nagħżlu li nagħmlu minn Għawdex prijorità flok inqisuh bħala reġjun tat-tieni klassi, biex nagħżlu dak li hu ta’ ġid għal pajjiżna flok il-prattika korrotta ta’ dan il-gvern.

Jien nagħżel Għawdex. Jien nagħżel Malta.

# JINTLAĦQU L-ASPIRAZZJONIJIET MILL-KBIR SAŻ-ŻGĦIR

Marlene Farrugia, Kap tal-Partit Demokratiku

Fost l-isbaħ gżejjer li jżejnu l-Baħar Mediterran, jispikka Għawdex tagħna. Mogħni bi ġmiel naturali tal-għaġeb, filwaqt li mkebbes ukoll b'saffi ta' tradizzjonijiet u kultura li jsaħħru, Għawdex jibqa' d-destinazzjoni tal-ħolm għal ħafna nies, imma wkoll id-dar u l-pajjiż ta' ħafna ċittadini tagħna.

L-isfida li ser nidħlu għaliha b'ruħna u b'ġisimna, hija kif ħa nżommu lil Għawdex mimli b'familji li jgħixu, jaħdmu u jistgħu jikbru ġo gżirithom, billi nipprovdu xogħol dinjituż u kwalità ta' ħajja, filwaqt li nħarsu s-sbuħija naturali u s-serenità li ssaħħrek u li tikkaratterizza din il-gżira speċjali.

Bla dubju, nemmen li ċ-ċavetta għas-suċċess t'Għawdex tinsab f'idejn tmexxija Għawdxija għaqlija li taħdem id f'id mat-tmexxija Maltija.

Mill-bqija, jekk b'miżuri adattati nagħmlu tajjeb għall-insularità doppja li teżisti ħalli aktar familji Għawdxin jitħajru jgħixu u jaħdmu ġewwa Għawdex, filwaqt li nħarsu u nindukraw il-prodott turistiku dgħajjef li toffri l-gżira, nemmen li Għawdex u l-Għawdxin għandhom jilħqu u jżommu livell ta' għajxien dinjituż u mistħoqq.

L-għan ta' Gvern tal-Forza Nazzjonali huwa li jintlaħqu l-aspirazzjonijiet tal-Għawdxin mill-kbir saż-żgħir. Dan li hawn imniżżel f'dan il-manifest huwa biss il-qafas, l-ippjantar tat-triq li rridu nterrqu fiż-żminijiet ġodda li ser ngħixu flimkien mal-Għawdxin u dawk kollha li jħobbu din il-gżira ewlenija.



*"Dawn il-miżuri jagħmlu tajjeb għall-insularità doppja li teżisti ħalli aktar familji Għawdxin jitħajru jgħixu u jaħdmu ġewwa Għawdex"*

# NIXXIEGĦA QAWWIJA TA' IDEAT

Simon Mizzi, President tal-Konvenzjoni Idea Għawdex

Hu ta' unur kbir għalija li ġejt fdat b'wieħed mill-iktar eżerċizzji wiesgħa ta' konsultazzjoni li qatt għamel partit politiku f'Għawdex. Qabel kull ħaġa oħra, dan laqqagħni mas-sentimenti u l-ideat ġenwini ta' persuni li jridu l-akbar ġid għalihom u għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin. Din ħaġa ġdida. Programm elettorali miktub speċifikament għal Għawdex mill-istess nies tiegħu.

Ma nħossnix l-awtur ewlieni ta' dan il-programm, imma wieħed minn fost ħafna.

Lura f'Jannar 2017, tlaqna bl-eżerċizzju ta' konvenzjoni pubblika li ffokat speċifikament fuq Għawdex. Din il-konvenzjoni pubblika ntlaqgħet tajjeb ħafna. Minnha ħarġet nixxiegħa qawwija ta' ideat minn firxa wiesgħa tas-soċjetà ċivili. Dan ġagħalni naħseb li, fis-sempliċità tiegħu, Għawdex għandu l-aspetti mħabbla tiegħu u fl-istess waqt mimli ideat. Matul is-sessjoni plenarja tal-konvenzjoni wasalt biex nidentifika erba' pilastri strutturali li kellhom jikkaratterizzaw kull politika għal Għawdex. Dawn huma l-aċċessibbiltà, l-identità, l-opportunità u s-sostenibbiltà. Tabilħaqq dawk l-erba' pilastri għadhom jgħoddu, imma permezz ta' bosta laqgħat u eżerċizzji ta' konsultazzjoni, wasalt biex fl-aħħar nifhem li dawn il-pilastri jrid ikollhom pedament li jserraħ fuq blat sod: il-governanza tajba.



Dan id-dokument hu wiesgħa biżżejjed biex jinfirex fuq dawn l-erba' pilastri u anki l-blat meħtieġ bħala pedament tagħhom. Joffri 100 proposta konkreti għal Għawdex fuq 16-il tema differenti. Jibda billi jagħti l-pedament meħtieġ biex fuqu jistgħu jistrieħu l-erba' pilastri. Joffri viżjoni ta' tmexxija fejn Għawdex għandu jitqies bħala sħab indaqs u parti mill-aġenda nazzjonali. Wara dan isegwu proposti ċari li jkomplu jimbuttaw lil Għawdex 'il quddiem, ibda mill-assigurazzjoni tas-servizzi tas-saħħa, it-tisħiħ tal-infrastruttura, il-ħolqien tal-opportunitajiet tax-xogħol li tant nixtiequ, it-tisdiq tal-familji biex jistgħu jippromovu l-identità Għawdxija b'riżq il-ġenerazzjoni futura.

Nittama minn qalbi li dan il-pjan li qed inħażżu għal Għawdex għad jista' jitwettaq. Sinċerament nemmen li jista' jgħin lil Għawdex imidd passi deċiżivi 'l quddiem, bħala gżira-reġjun li twettaq il-dehra tagħha fuq livell nazzjonali u internazzjonali.

# NAGĦTU S-SETGĦA F'IDEJN IN-NIES: KUNSILL REĠJONALI GĦAL GĦAWDEX

Wasal iż-żmien li Malta u Għawdex imiddu pass ieħor ta' qlubija fuq il-kwistjoni tal-amministrazzjoni tal-gżira ta' Għawdex. Dak li ġie diskuss u miftiehem fuq livell wiesa' fuq il-medda ta' dawn l-aħħar 30 sena, issa hemm bżonn li jiġi mħaddem mingħajr iktar telf ta' żmien, għall-ġid ta' Għawdex imma wkoll tan-nazzjon kollu.

L-ewwel pass hu li niddefinixxu lil Għawdex bħala Gżira Reġjun fil-Kostituzzjoni ta' Malta. Xejn mhu iżjed sovran u legalment suprem mill-Kostituzzjoni. Definizzjoni bħal din lil Għawdex tagħtih tassew il-profil nazzjonali li jixraqlu. Għawdex ma jibqax iżjed fit-tarf tad-dehra politika, l-aħħar kapitlu ta' dokument politiku jew żieda fuq wara ta' proġett nazzjonali.

Biex isaħħaħ dan l-istatus ġdid reġjonali, Gvern Nazzjonalista ġdid – fl-ewwel mitt jum tiegħu – iniedi proċess għat-twaqqif ta' Kunsill Reġjonali għal Għawdex u jiżgura li l-istatus reġjonali effettiv ta' Għawdex jingħata qafas statutorju.

Kunsill Reġjonali għal Għawdex ma jfissirx Għawdex maqtugħ b'aġenda għalih. Għall-kuntrarju, dan jipprovdi l-istruttura ideali biex il-gżira terġa' tieħu rajha



# NAGĦTU S-SETGĦA F'IDEJN IN-NIES: KUNSILL REĠJONALI GĦAL GĦAWDEX



f'idejha u l-ħtieġijiet veri ta' Għawdex jitqiegħdu fuq l-aġenda nazzjonali. Il-Kunsill joħloq qafas statutorju għall-entitajiet Għawdxin li jixtiequ li jkollhom sehem sħiħ fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet billi jressaq il-politika Għawdxija iktar qrib lejn il-poplu. Hekk id-dehra għal Għawdex tissokta tiġi mkabbra l-ħin kollu mill-Għawdxin stess.

Il-Gvern jew il-Ministeru għal Għawdex ma jfassal l-ebda politika f'iżolament imma f'forum wiesa' li jġib flimkien il-Gvern, l-investituri, il-mexxejja tal-komunità u r-rappreżentanti ta' oqsma differenti tal-gżira. Għawdex isir iżjed integrat mal-bqija tal-pajjiż u jikkontribwixxi tasseb fil-proċess nazzjonali fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet importanti.

Il-Kunsill Reġjonali għal Għawdex ikun magħmul minn membri eletti b'mod demokratiku minn kull faxxa tas-soċjetà Għawdxija.

Il-Kunsill Reġjonali għal Għawdex ikollu rwol attiv fl-iżvilupp tad-dehra u l-politika tal-Gvern għall-gżira. Ikun attent għall-użu ta' riżorsi finanzjarji u riżorsi oħra ddedikati għal Għawdex – inkluż dawk allokati lill-Ministeru għal Għawdex u entitajiet oħrajn. Isir l-interlokutur naturali għall-Gvern fuq materji li għandhom x'jaqsmu ma' Għawdex u l-iżvilupp ta' politika u dehra fit-tul għall-gżira. Il-Kunsill ikun jista' jieħu wkoll inizjattivi meqjusa ta' ġid għall-gżira.

1. L-istatus Reġjonali ta' Għawdex jiġi mnaqqax fil-Kostituzzjoni u l-Liġijiet ta' Malta.
2. Fl-ewwel mitt jum ta' amministrazzjoni Nazzjonalista, inniedu l-proċess għat-twaqqif statutorju tal-Kunsill Reġjonali għal Għawdex.
3. Il-Gvern ikun marbut li jittratta mal-Kunsill Reġjonali għal Għawdex fuq il-materji kollha ta' politika u dehra li jikkonċernaw il-gżira ta' Għawdex.
4. Il-Kunsill Reġjonali jkollu rappreżentanza wiesgħa tas-soċjetà Għawdxija.
5. Il-Kunsill Reġjonali jirrappreżenta lil Għawdex fil-fora kollha tal-Unjoni Ewropea għat-territorji Reġjonali u fora oħra simili internazzjonali.
6. Il-Kunsill Reġjonali jkollu aċċess dirett għal finanzjament ta' €250 miljun mill-Unjoni Ewropea.

*"Għawdex isir iżjed integrat mal-bqija tal-pajjiż u jikkontribwixxi tassew fil-proċess nazzjonali fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet importanti"*

2

# MINISTERU GĦAL GĦAWDEX IKTAR B'SAĦĦTU



*"Biex itejjeb l-influwenza tiegħu fuq il-Gvern, il-Ministeru għal Għawdex jaħtar d-delegat tiegħu mis-Servizz Pubbliku f'Ministeri oħra fejn Għawdex għandu interess strateġiku"*

Taħt l-amministrazzjoni Laburista attwali, il-Ministeru għal Għawdex wasal biex sar klikka tal-ftit li tħares biss 'il ġewwa biex tisserva hi, u għalhekk sfat irrelevanti. Il-Ministeru sab ruħu bla viżjoni, bla pjan u bla strateġija.

L-istatistika uffiċjali turi li l-iżbilanċ ekonomiku bejn Għawdex u Malta fil-fatt kiber.

Wasal iż-żmien li nagħmlu l-Ministeru għal Għawdex relevanti mill-ġdid. Il-valur tal-Ministeru għal Għawdex mhuwiex importanti biss għal Għawdex. Ministeru għal Għawdex li jaħdem tajjeb ikun ifisser Għawdex iktar integrat li jirnexxi iżjed, u dan fl-aħħar mill-aħħar jikkontribwixxi iktar fit-tkabbir tal-għanijiet nazzjonali. It-tħassib ta' Għawdex għandu jkun ukoll it-tħassib nazzjonali. Dan bħalissa mhux il-każ.

Għalhekk qed nipproponu bidla li tagħmel lill-Ministeru għal Għawdex iżjed relevanti u effettiv. L-istrutturi interni tal-Ministeru jiġu organizzati mill-ġdid biex jaħdmu aħjar u jagħmlu l-aħjar użu mir-riżorsi tiegħu. Biex itejjeb l-influwenza tiegħu fuq il-Gvern, il-Ministeru għal Għawdex jaħtar d-delegat tiegħu mis-Servizz Pubbliku f'Ministeri bħal tal-Edukazzjoni, is-Saħħa, it-Turiżmu, il-Biedja, l-Ambjent u oqsma oħra fejn Għawdex għandu interess strateġiku. Hekk dan jindirizza n-nuqqas ta' koordinament li hemm bħalissa bejn id-diversi Ministeri u l-Ministeru għal Għawdex. B'hekk il-Ministeru jkun jista' jsuq 'il quddiem il-politika għal Għawdex imfassla għal dik il-ħidma partikulari fuq livell nazzjonali.

Il-Ministeru għal Għawdex kif inhu bħalissa tonqsu l-istrateġija u l-dehra. Biċċa mill-ħtija hi għax it-taqsima tal-istrateġija u l-ħsieb ġew assorbiti f'segretarjat privat li l-uniku oġġettiv tiegħu hu l-miri politiċi. F'ambjent bħal dan, iktar minn kull ħaġa oħra, il-konsegwenza politika ta' kull deċiżjoni tispiċċa l-ogħla prijorità, u ftit tingħata attenzjoni lil ħsieb fit-tul. Dan mhux qed iservi l-interessi veri taċ-ċittadin.



*“Issa hu ż-żmien li nasserixxu viżjoni li tiġi ppreżentata direttament lil min irid jinvesti”*

# MINISTERU GĦAL GĦAWDEX IKTAR B’SAĦĦTU

7. Nibdlu il-Ministeru għal Għawdex biex nagħmluh iktar effiċjenti u nagħtuh iktar setgħat f’idejh.

8. Il-Ministeru għal Għawdex jaħtar delegat tiegħu fil-Ministeri, l-Aġenziji, l-Awtoritajiet u l-Entitajiet relevanti biex jippromovi u jara li l-politika favur Għawdex titwettaq fuq livell nazzjonali.

9. Il-Ministeru għal Għawdex jerġa’ jsaħħaħ il-ħidma tal-iżvilupp ta’ Politika u Strateġija tiegħu li tartikula l-istrateġija u l-viżjoni għal Għawdex.

10. Inwaqqfu l-Aġenzija għall-Iżvilupp Reġjonali ta’ Għawdex (GRDA) bl-għan li tħajjar investiment dirett nazzjonali u barrani lejn Għawdex, u li tmexxi l-proġetti infrastrutturali.

Għalhekk qed nipproponu li terġa’ titwaqqaf it-taqsima tal-Iżvilupp tal-Politika u l-Istrateġija mmexxija minn persuni li jaħdmu fis-servizz pubbliku b’responsabbiltà u huma esperti li tassew jistgħu jagħtu parir tajjeb lill-Ministru għal Għawdex u li jkollhom il-ħila jaħdmu id f’id mal-Kunsill Reġjonali għal Għawdex.

In-nuqqas ta’ qbil dwar l-ekonomika li teżisti bejn Għawdex u Malta kibret b’xi 3% taħt din l-amministrazzjoni. Ċifri riċenti wrew li din it-tendenza qed tikber. Iktar minn hekk, il-paga medja f’Għawdex fil-fatt naqset taħt din l-amministrazzjoni, l-ewwel darba fl-istorja tas-settur tal-impjiegi f’Għawdex. In-nuqqas ta’ viżjoni u strateġija hu l-aktar li qed iwassal għal din id-disparità dejjem tikber. Issa hu ż-żmien li nasserixxu viżjoni għal Għawdex. Viżjoni li tista’ tiġi ppreżentata direttament lil min irid jinvesti, li żgur sa jġib impjiegi ta’ kwalità għolja lejn il-gżira ta’ Għawdex. Ma’ dan wieħed irid iżid li l-investiment jinsab imxekkel fost affarijiet oħra min-nuqqas ta’ infrastruttura adegwata li ssaħħaħ l-iżvilupp sostenibbli ta’ Għawdex.

Biex dan il-proċess jeħfief, qed nipproponu li titwaqqaf Aġenzija għall-Iżvilupp Reġjonali ta’ Għawdex (GRDA) li l-missjoni tagħha tkun li tiġbed investiment dirett nazzjonali u barrani. Din l-aġenzija tkun totalment mqtugħa mill-Malta Enterprise u xogħolha jkun li tiġbed l-investiment lejn Għawdex, billi tixpruna u tagħti isem Għawdex bħala post idejali għall-investiment. Din l-aġenzija jkollha wkoll ir-rwol li ttejjeb il-faċilitajiet u l-infrastruttura reġjonali meħtieġa biex issaħħaħ il-pakkett ta’ investiment li jiġi offrut lill-investituri.

B’din id-dehra mġedda li biha qed niffokaw iżjed fuq il-ħtiġijiet ta’ Għawdex, flimkien mar-rappreżentanza tiegħu f’kull Ministeru u entitajiet oħra governattivi, inkunu nistgħu nsaħħu l-Ministeru għal Għawdex u nibdluh f’Ministeru li jaqdi l-għan tiegħu, jiġifieri li jiżgura li l-interessi Għawdxin isiru interessi nazzjonali u jkunu rappreżentati fuq livell internazzjonali.

# 3

# SERVIZZ TAS-SAĦĦA LI JIBQA' B'XEJN



*"Inħabirku biex naraw il-proċess tal-Iskola Medika ta' BARTS jagħti l-frott fl-iqsar żmien possibbli, u nikkommettu ruħna li jeħfief dan il-proċess"*

Professjonisti fil-qasam tas-saħħa, pazjenti u l-pubbliku li jħallas it-taxxa huma mħassbin dwar il-futur tas-servizzi tas-saħħa f'Għawdex, wara l-privatizzazzjoni tal-uniku sptar pubbliku f'Għawdex. Minkejja l-garanziji li l-Istat ta biex is-servizzi tas-saħħa jibqgħu b'xejn u li ħadd mill-professjonisti u l-impjegati mhu se jitkeċċa, l-amministrazzjoni preżenti ħolqot preċedent fejn is-servizzi tas-saħħa li huma b'xejn illum mhux bil-fors se jibqgħu hekk fil-ġejjieni. Hemm lok li, fejn possibbli, ċerti oqsma tas-saħħa jiġu liberalizzati. Imma dan m'għandux jissarraf f'kura inferjuri tal-pazjent, jew, agħar minn hekk, li dan jiġi mċaħħad mill-kura minħabba għanijiet ta' profitt jew ta' vijabbiltà kummerċjali.

Il-pubblikazzjoni ta' parti mill-kuntratt għall-privatizzazzjoni tas-servizzi u l-faċilitajiet tas-saħħa (19 ta' Ottubru 2016) tkompli ssaħħaħ dan it-tħassib.

B'mod partikulari, bħala prinċipju, fejn jidħlu servizzi tas-saħħa akuta, dawn għandhom jerġgħu lura għand l-Istat f'dak li hu finanzjament, tħaddim u mmaniġġjar. Dan biex niżguraw li l-ebda interess kummerċjali jew kundizzjonamenti ma jinfluwenzaw negattivament deċiżjonijiet importanti biex jiġu salvati l-ħajjiet.

Minn naħa l-oħra, se nħabirku biex naraw il-proċess tal-Iskola Medika ta' BARTS jagħti l-frott fl-iqsar żmien possibbli, u nikkommettu ruħna li biex kemm jista' jkun dan il-proċess jeħfief.

Il-livell tal-kura fil-komunità f'Għawdex mhu tajjeb xejn, jekk mhux ineżistenti. Bosta studji dwar is-servizzi tas-saħħa juru li l-iktar sistema tas-saħħa effettiva kemm finanzjarjament u kemm soċjalment hi dik li tipprovdi kura komunitarja wiesgħa. Dan inaqqas ħafna pressjoni minn fuq attivitajiet ta' kura akuta.





# SERVIZZ TAS-SAĦĦA LI JIBQA' B'XEJN

11. Gvern Nazzjonalista jerġa' jieħu f'idejh it-tmexxija tal-uniku sptar fil-gżira ta' Għawdex.

12. Niżguraw li l-Iskola Medika ta' BARTS f'Għawdex tinfetaħ bla dewmien.

13. Intejbu u nagħtu skop usa' liċ-Ċentru tas-Saħħa fil-Belt Victoria biex joffri servizzi aħjar ta' kura primarja tas-saħħa u bżonnijiet oħra fis-servizz tal-outpatients.

14. Il-pazjenti KOLLHA li jkollhom bżonn ta' servizzi mediċi mill-Isptar Mater Dei f'Malta jibdew jibbenefikaw minn sussidju għal traġitt tal-vapur b'xejn. Dan is-sussidju jiġi estiż ukoll għal persuna li takkumpanja lill-marid – sew jekk qarib u sew jekk le.

15. Nifthu Klinika tad-Dijabete u Endokrinoloġija u Klinika tal-Mard tal-Qalb li jkunu joffru kura mmexxija minn konsulent residenti f'Għawdex.

B'mod partikulari, il-klinika tal-kura tal-komunità fil-Belt Victoria kif inhi bħalissa m'għadhiex fi stat li taqdi l-għan tagħha, qisha ħaġa tal-imgħoddi, u qed iċċaħħad lill-pazjenti u l-klijenti minn kull dinjità. Iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Belt Victoria jinsab fi bżonn kbir li jinqala' mill-qiegħ. Għalkemm ċentrali, ma jintalħaqx minn nies li jiġu minn barra l-belt. Iċ-Ċentru tas-Saħħa fil-Belt Victoria hu mgħobbi żżejjed b'ħafna xogħlijiet li minħabba fihom ma jistax jiffoka fuq il-ħidma tiegħu li jipprovdi servizz ta' kura primarja. Għalhekk qed nipproponu li l-klinika taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Belt Victoria tinqala' mill-qiegħ u jinstab għaliha post eqreb lejn il-Venda tal-Karozzi tal-Linja. Din il-klinika sservi bħala ċentru reġjonali tal-kura primarja tas-saħħa u servizzi oħra anċillari, bħall-kura medika ġerjatrika, eżamijiet mediċi sempliċi, promozzjoni tas-saħħa, prevenzjoni tal-mard u tilqim. Dan iċ-ċentru ġdid tas-saħħa jkun jilqa' fih ukoll żewġ kliniċi mmexxija minn konsulenti b'kura għall-pazjenti djabetiċi u tal-mard tal-qalb.

*"Nipproponu li l-klinika taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Belt Victoria jinstab għaliha post eqreb lejn il-Venda. Din il-klinika sservi bħala ċentru reġjonali tal-kura primarja"*

4

# L-ILĦUQ: IĊ-ĊAVETTA GĦAS-SUĊĊESS TA' GĦAWDEX

L-ilħuq lejn Għawdex – u d-diffikultajiet li jmorru magħha – tista' tiġi mfissra b'diversi modi. L-ewwel soluzzjoni biex titjieb l-ilħuq għal Għawdex hija link dejjiemi. Il-Gvern Nazzjonalista ta' qabel beda l-proċessi tekniċi u l-istudji li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-proġett ambizzjuż. Il-Gvern Laburista preżenti ra kif għamel u ffriża dan il-proċess ma' kull opportunità li sab. Il-Partit Nazzjonalista għandu r-rieda politika u l-ħila li jwettaq dan il-proġett. Kif l-istudji tekniċi jikkonfermaw li dan il-proġett jista' jsir, aħna nibdew ix-xogħol fuq dan il-proġett mal-ewwel.

Waqt li l-proġett tal-link dejjiemi jkun qed jitwettaq, l-ilħuq lejn Għawdex xorta tista' titjieb permezz ta' proġetti u miżuri oħra. Dan jibda jseħħ billi nreġġgħu lura l-iżbalji li saru taħt Gvern Laburista, fosthom li fl-ewwel sitt xhur ta' Gvern ġdid nerġgħu ndaħħlu s-servizz tat-trasport tal-merkanzija lejn Għawdex mill-inħawi tal-Port il-Kbir.



*"Niżguraw li l-aċċessibiltà diġitali t'Għawdex tiġi fis-seħħ bil-proġett tat-tieni fibre optic cable"*

# L-AĊĊESSIBBILTÀ: IĊ-ĊAVETTA GĦAS-SUĊĊESS TA' GĦAWDEX



16. Nibdew naħdmu immedjatament fuq il-link dejjiemi bejn il-gżejjer.

17. Fl-ewwel sena ta' Gvern ġdid, jitnieda s-servizz ta' Fast Ferry għall-inħawi tal-Port il-Kbir.

18. Fl-ewwel sitt xhur ta' Gvern Nazzjonalista nerġgħu ndaħħlu s-servizz tal-merkanzija tal-Gozo Channel għall-inħawi tal-Port il-Kbir.

19. Niżguraw li l-ilħuq diġitali ta' Għawdex tiġi fis-seħħ billi l-proġett tat-tieni fibre optic cable jitlesta fi żmien l-ewwel sena ta' Gvern Nazzjonalista.

20. Nirrevedu l-iskeda tal-karozzi tal-linja fuq iż-żewġ gżejjer biex tkun taqbel mal-ħinijiet tal-vapur.

21. Nintroduċu biljett wieħed għal forom differenti ta' vjaġġar kemm pubbliku u kemm privat li jkun jista' jintuża fuq il-karozzi tal-linja, il-vapur u anki dgħajjes ta' rikreazzjoni.

Dan iservi biex tittaffa l-pressjoni minn fuq il-komunità tan-negozju Għawdxija, it-toroq, u anki minn fuq il-Gozo Channel stess. Niżguraw ukoll l-ilħuq diġitali għal Għawdex billi fl-ewwel sena ta' Gvern Nazzjonalista jitqiegħed it-tieni fibre-optic cable bejn Malta u Għawdex. Fuq kollox, in-nuqqas tas-servizz tal-fast ferry huwa xhieda tal-lista twila ta' wegħdiet miksura tal-Gvern preżenti. Dan is-servizz jidħol fis-seħħ fl-ewwel sena ta' Gvern ġdid Nazzjonalista.

Hemm ukoll serje ta' miżuri żgħar li jħallu effett kbir fit-titjib tal-ilħuq għall-gżira ta' Għawdex. Fost dawn hemm ir-reviżjoni tal-iskeda tal-karozzi tal-linja biex din tkun taqbel mal-iskeda tal-vapur. Biljett wieħed li jkun jista' jintuża għal diversi forom ta' trasport huwa wkoll metodu ġdid li jagħmilha iktar sempliċi għal min juża forom diversi ta' trasport pubbliku bħall-karozzi tal-linja, il-vapur u anki dgħajjes li joffru servizz ta' divertiment. Dan żgur jgħin ukoll biex jitjieb is-servizz għat-turisti li jżuru l-gżira.

*"Biljett wieħed li jkun jista' jintuża għal diversi forom ta' trasport huwa wkoll metodu ġdid li jagħmilha iktar sempliċi għal min juża forom diversi ta' trasport pubbliku"*

5

# GĦAWDEX: GŻIRA TA' OPPORTUNITÀ U INVESTIMENT



L-investiment u l-ħolqien tax-xogħol f'Għawdex fil-preżent huma mxekkla min-nuqqas ta' dehra u strateġija. Kull indikatur uffiċjali dwar l-ekonomija jixhed illi l-qtugħ bejn l-ekonomiji ta' Malta u ta' Għawdex kiber. F'paragun ma' Malta, Għawdex, f'termini reali, qiegħed f'qagħda agħar minn erba' snin ilu. Il-paga medja f'Għawdex fl-aħħar sentejn naqset. Dan hu xhieda ta' dagħbien fl-istrateġija tal-Gvern Laburista.

Għall-Gvern Laburista, l-Għawdxin huma ċittadini tat-tieni klassi li faċilment tagħmihom b'miżuri ta' ftit importanza li mhumiex sostenibbli u li ma jwasslu imkien. Gvern Nazzjonalista ġdid iwettaq strateġija ċara ħafna għal Għawdex. Strateġija li toffri sensiela ta' inċentivi u miżuri indirizzati kemm għal min iħaddem u kemm għal min jaħdem f'Għawdex. Dan biex Għawdex verament igawdi minn tkabbir ta' ekonomija sostenibbli fit-tul. Dawn il-miżuri jwasslu biex il-Gvern – flok kompetitur għall-ħaddiema kif inhu bħalissa – isir tassew sieħeb ma' dawk fin-negozju biex jiżdiedu l-impjiegi ta' veru.

Ir-rwol tal-Gozo Regional Development Agency (GRDA) li diġà ssemmiet f'dan id-dokument bħala mezz ta' tisħiħ tal-Ministeru għal Għawdex, hu fundamentali biex jiġi jinġibdu investiment lokali u barrani lejn Għawdex. Il-GRDA għandha tkun mgħammra bl-għodda kollha meħtieġa biex tippreżenta lil Għawdex bħala destinazzjoni ideali għall-investiment. Għal dan l-għan, qed nipproponu sensiela ta' miżuri u inċentivi li din l-aġenzija tista' toffri f'pakkett biex jiġbdu investiment ta' kwalità li għandu bżonn Għawdex.

Biex ikun hemm kumpens għall-insularità doppja ta' Għawdex, u l-ispejjeż li ġġib magħha, se nagħtu nuqqas mit-taxxa tad-dħul sa massimu ta' €200,000 fuq perjodu ta' tliet snin għal kull negozju li jiftaħ f'Għawdex. L-impjiegi huma element kritiku f'Għawdex, fejn impjiegi sostenibbli, tajbin u li jħallsu tajjeb huma ftit. Għaldaqstant, biex inħajjru kumpaniji li joħolqu xogħol sostenibbli u tajjeb f'Għawdex, se nniedu l-Gozo Sustainable Jobs Tax Credit li jagħmilha possibbli għal min iħaddem biex dak li jħallas f'pagi jqisu doppju fil-komputazzjoni tat-taxxa tad-dħul. B'dan il-mod, min iħaddem ikun inċentivat biex iħaddem iktar u b'pagi aħjar. Din miżura mmirata speċifikament għal dawk is-setturi li jirrekjedu ħafna impjegati u ta' kwalità bħal i-gaming u servizzi finanzjarji. Din il-miżura mistennija tiswa €31.5 miljun fuq medda ta' ħames snin.



*“Ngħinu biex kull inizjattiva ta’ negozju ġdid f’Għawdex tkun tista’ tnissel l-kapital li jkollha bżonn biex tibda topera”*

Li tibda negozju f’Għawdex mhiex ħaġa ħafifa. Madankollu, l-istatistika turi li Għawdex joffri vantaġġ fit-talent tar-riżorsa umana tiegħu. Imma dan it-talent hu mxekkel min-nuqqas ta’ opportunità. Irridu nagħmlu minn Għawdex gżira ta’ opportunitajiet; gżira fejn tista’ ssawwar il-ġejjieni tiegħek. Għal din ir-raġuni, qed nipproponu li kull negozju ġdid li jiftaħ f’Għawdex jingħata stimolu ta’ €25,000, u din l-għotja tiġi kumplimentata b’garanzija bankarja ta’ €75,000. Hekk, kull inizjattiva ta’ negozju ġdid f’Għawdex tkun tista’ tnissel l-kapital li jkollha bżonn biex tibda titħaddem. Dawn iż-żewġ miżuri flimkien mistennija jiġu jiswew €10 miljun. Barra l-kapital, kull negozju ġdid għandu bżonn li jidentifika r-riżorsi umani meħtieġa biex iwettaq il-viżjoni tiegħu. Biex ngħinu f’dan, aħna nroddu l-kontribuzzjoni ta’ min iħaddem għall-bolla tal-impjegati fl-ewwel sentejn tal-impjieg.

Din hi parti mill-viżjoni sħiħa tagħna għal Għawdex: gżira li mhix piż fuq il-pajjiż, iżda gżira-reġjun li għandha potenzjal kbir li għad irid jilħaq il-milja tiegħu. Gżira-reġjun fil-qalba tal-interess nazzjonali, gżira-reġjun li se tagħmel suċċess.

Nemmnu li b’dan il-pakkett ta’ miżuri u inċentivi, u b’politika u viżjoni għal Għawdex, din il-gżira tabilħaqq tiżviluppa l-potenzjal li għandha li ssir gżira ta’ opportunità.

# GĦAWDEX: GŻIRA TA’ OPPORTUNITÀ U INVESTIMENT

22. Nagħtu tnaqqis mit-taxxa tad-dħul sa massimu ta’ €200,000 fuq perjodu ta’ tliet snin lil kull tip ta’ negozju li jiftaħ f’Għawdex.

23. Fl-ewwel baġit ta’ Gvern Nazzjonalista, noħolqu l-Gozo Sustainable Jobs Tax Credit biex inħajjru il-ħolqien tax-xogħol f’Għawdex. Permezz ta’ din il-miżura, l-ispiża fuq pagi tan-negozji Għawdxin tiġi meqjusa doppjament fil-komputazzjoni għat-taxxa tad-dħul. Din hija miżura speċifika mmirata għal setturi li jirrikjedu struttura ta’ ħafna impjegati u ta’ kwalita’ bħal i-gaming u servizzi finanzjarji.

24. Nipprovdu start-up grant ta’ €25,000 lil dawk li jiddeċiedu li jiftħu negozju jew attività kummerċjali ġdida f’Għawdex.

25. Insaħħu l-istart-up grant ta’ €25,000 b’garanzija ta’ €75,000 għal kull negozju jew attività kummerċjali ġdida f’Għawdex.

26. Nagħtu lura l-kontribuzzjoni tal-Bolla lil min iħaddem f’negozji start-up li jiftħu f’Għawdex għall-ewwel sentejn.

# 6

# NIMMODERNIZZAW L-INFRASTRUTTURA GĦAWDXIJA

L-immaniġġjar u t-twettiq tal-proġetti infrastrutturali f'Għawdex hu kaotiku u kważi ma jeżistiex. L-istat tat-toroq huwa fost l-iktar li jdejjaq lill-Għawdxin, u bir-raġun. Nużaw regolarment toroq li huma f'kundizzjoni ħażina u niskantaw kif m'aħna naqilgħu xejn minn dik li suppost hi ekonomija li qed tikber u li messha tinvesti lura f'dik li hi parti essenzjali mill-pakkett li aħna nsejħu 'Għawdex'. Tabilħaqq, l-istat attwali tal-infrastruttura qed jagħmel ħsara lil Għawdex bħala brand kemm f'pajjiżna u kemm barra. L-istat tat-toroq tagħna huwa monument għall-wirt ta' tmexxija ħażina, infiq żejjed u bi prijoritajiet ħżiena, traskuraġni u telqa. Żgur li mhux ċertifikat għal Għawdex li l-Għawdxin messhom ikunu kburin bih. L-Għawdxin b'xi mod irrassenjaw ruħhom għall-istat kif inhu.

Fil-kuntest tat-tiġdid fl-identità reġjonali, li diġà tkellimna dwaru, wieħed jista' jitgħallem minn aġenziji reġjonali oħra fl-Unjoni Ewropea li huma effiċjenti u effikaċi. Bosta reġjuni żviluppaw aġenziji tajba ta' żvilupp reġjonali li l-missjoni tagħhom hi li jtejbu, jieħdu ħsieb u jiżviluppaw aktar il-proġetti infrastrutturali ta' bosta reġjuni. Dawn l-aġenziji ta' żvilupp kapaċi jilħqu firxa ta' fondi Ewropej b'saħħa ikbar minn dik ta' entitajiet tal-Gvern Ċentrali.

Għalhekk, qed nipproponu li dan ir-rwol jingħata lill-Gozo Regional Development Agency (GRDA) li l-għan tagħha jkun li tiffaċilita l-proġetti KOLLHA "soċjali infrastrutturali" f'Għawdex, mill-infrastruttura tat-toroq, sa proġett ta' djar, spazji miftuħa, u t-titjib ta' mogħdijiet fil-kampanja. L-għan tal-aġenzija MHUWIEX li tipprijoritizza l-proġetti, imma li taġixxi f'isem u bir-rieda tal-entitajiet governattivi f'Għawdex eletti demokratikament, speċifikament il-kunsilli lokali u l-Ministeru għal Għawdex.

Fuq kollox, l-ebda triq prinċipali ma nbniet mill-ġdid matul l-aħħar leġiżlatura. Il-parti l-kbira tal-proġetti ta' toroq li saru f'dawn l-aħħar snin huma konsegwenza tal-immaniġġjar ta' kriżijiet iktar milli ta' ħsieb u ppjanar proattiv. Għalhekk qed nipproponu li nallokaw baġit ta' €60 miljun mifrux fuq ħames snin biex intejbu t-toroq prinċipali ta' Għawdex li huma fi bżonn serju ta' bini mill-ġdid: Xagħra-Rabat, Żebbuġ-Rabat, Marsalforn-Rabat, u Nadur-Rabat.

L-impenn b'risq it-titjib tat-toroq prinċipali m'għandux ikun bi prezz għoli għat-titjib ta' toroq residenzjali. Bħalissa, il-proġetti infrastrutturali ta' toroq residenzjali huma suġġett għal bosta fatturi li jwasslu proġett biex ifalli meta jkunu għadu kważi mank beda. Dawn jinkludu nuqqas jew ġabra ta' nuqqasijiet bħal, ngħidu aħna, fil-baġit tal-kunsilli lokali, baġits li ma jitħaddmux sewwa u mhumiex fi proporzjon mad-dmirijiet li kunsill mistenni jwettaq, jew anki għax jirfsu fuq ir-responsabbiltajiet ta' kunsilli lokali oħra jew ir-responsabblitajiet tal-gvern ċentrali, hekk li jinħoloq vakum ta' responsabbiltà. Aġenzija ġdida b'miri ċari



xxejjen il-fruntieri eżekuttivi u fiżiċi, u tneħħi l-taħbila tal-vakum ta' responsabbiltà kif inhi bħalissa. Għal dan il-għan qed nipproponu li jkun hemm baġit addizzjonali annwali ta' €3 miljuni ta' kull sena, barra l-baġits tal-kunsilli lokali għall-proġetti, biex din l-Aġenzija tkun tista' twettaq programm ta' bini, manutenzjoni u kisi mill-ġdid tat-toroq residenzjali f'Għawdex.

Għawdex qatt ma kellu masterplan infrastrutturali wiesa' għall-gżira. Kemm-il darba tfasslu u reġgħu nxteħtu fuq l-ixkaffa masterplans lokali inkonsistenti. Aħna nħossu li t-tfassil kordinat b'mod wiesa' mill-gżira kollha ta' masterplan infrastrutturali li jinkludi lil dawk kollha interessati minn fost l-operaturi tan-negozji, NGOs, kunsilli lokali u entitajiet intergovernattivi għandu jitqies bħala materja li ma tistax tistenna. Għalhekk se nikkummissjonaw lill-GRDA biex fl-ewwel sena mit-twaqqif tagħha tfassal Masterplan għal Għawdex.

Issa drajna naraw fl-aħbarijiet nazzjonali li Marsalforn safa mkaxkar mill-mewġ fil-maltemp. Tradizzjoni li ħadd fl-amministrazzjoni attwali Laburista ma ra kif iwaqqaf bl-azzjoni li kienet tixraq. Marsalforn għadda minn bosta proġetti kosmetiċi ta' tisbiħ li kollha jispiċċaw meqruda kull sena fix-xhur xitwin. Fuq kollox, ir-residenti u n-nies tan-negozju jkollhom jgħaddu mill-proċess ta' tiswijiet u tindif kull darba li xi maltempata tolqot il-bajja, ħaġa li ġġib inkonvenjent, toħloq iżjed telqa fil-post, u tnaqqas mill-attività kummerċjali tul il-proċess ta' tindif. Ir-residenti u l-komunità kummerċjali xebgħu jaraw irtokki kosmetiċi. Issa ilna snin nistennew li jinbena l-breakwater biex jilqa' għas-saħħa tal-mewġ. L-istudji li jikkaratterizzaw kemm ikun effettiv u jiġi jiswa breakwater diġà saru. Hemm biss nuqqas ta' rieda politika biex il-proġett isir. Joseph Muscat innifsu m'ilhux qal fil-pubbliku li dan il-breakwater mhux prijorità. Għalhekk, aħna qed nikkommettu ruħna li Gvern Nazzjonalista ġdid iwettaq dan il-proġett, stmat li jiswa xi €6 miljun.



# NIMMODERNIZZAW L-INFRASTRUTTURA GĦAWDXIJA

27. Il-Gozo Regional Development Agency jkollha wkoll ir-rwol li tipprovdi u tamministra servizzi infrastrutturali lill-Ministeru għal Għawdex, lill-Kunsill Reġjonali u lill-Kunsilli Lokali.

28. Nibnu mill-ġdid toroq prinċipali f'Għawdex: Marsalforn-Rabat, Nadur-Rabat, Xagħra-Rabat u Żebbuġ-Rabat.

29. Nallokaw €3 miljun addizzjonali fis-sena għall-bini mill-ġdid, kisi bit-tarmak u manutenzjoni tat-toroq residenzjali f'Għawdex.

30. Fi żmien sena, inħejju Masterplan għall-Infrastruttura ta' Għawdex biex jiġu mtejba l-infrastruttura u l-faċilitajiet f'Għawdex.

31. Nikkommettu ruħna li niddisinjaw u nibnu l-Breakwater ta' Marsalforn.

32. Mill-bidu nett tal-leġiżlatura, nibdew nindirizzaw il-problema ta' parkeġġ fir-Rabat, fost l-oħrajn billi nibnu multi-level parking fiċ-ċentru.

*"Nipproponu li ntejbu t-toroq prinċipali ta' Għawdex li huma fi bżonn serju ta' bini mill-ġdid"*

7

# BIEX IL-FAMILJI ŻGĦAŻAGĦ JIRNEXXU MILL-ĠDID F'GĦAWDEX

Hi xewqa ta' ħafna żgħażagħ Għawdxin li jrabbu l-familja tagħhom f'Għawdex. Ħafna nies jippreferu jrabbu lil uliedhom hawn, u dan minħabba diversi raġunijiet... is-sigurtà, is-saħħa tal-familji estiżi, l-istil ta' ħajja inqas mgħaġġel, u karatteristiċi oħra.

Imma l-istħarriġ demografiku juri li għal dawn l-aħħar snin il-familji żgħażagħ Għawdxin kontra qalbhom kellhom iħallu lil Għawdex biex ifittxu opportunitajiet aħjar. Il-popolazzjoni Għawdxija qed tixjieħ b'rata mgħaġġla; l-istess eżistenza ta' komunità u soċjetà Għawdxija fil-ħamsin sa mitt sena li ġejjin qiegħda f'riskju kbir. Dan l-istess proċess rajnieh iseħħ ukoll f'bosta komunitajiet ta' gżejjer żgħar madwar id-dinja.

Biex l-identità ta' Għawdex tinżamm ħajja, hemm bżonn li jibqa' ħaj il-poplu tiegħu. Dak li l-ewwel u qabel kollox jista' jiżgura l-identità ta' Għawdex hu li nagħmlu mod li l-gżira tibqa' d-dar naturali ta' ħafna.

Hu essenzjali li nreġġgħu lura l-proċess ta' depopulizzazzjoni biex niżguraw li s-soċjetà Għawdxija tibqa' ħajja u tfittex opportunitajiet biex tikber. Min-naħa l-oħra, min jinvesti kemm-il darba osserva li Għawdex hu nieqes mir-riżorsi umani neċessarji għall-vjabbiltà ta' negozju ta' daqs medju.



Għalhekk qed nipproponu serje ta' miżuri biex nagħtu inċentiv lil familji ġodda jissetiljaw f'Għawdex. Ineħħu t-taxxa tal-boll kollha għal min jixtri l-ewwel dar tiegħu f'Għawdex. Tiġi varata Skema ta' Għajnuna ta' €10,000 b'Sapport lill-Familji Żgħar biex jintlaħaq mill-ġdid il-bilanċ fid-demografija Għawdxija. Din l-għajnuna finanzjarja tingħata lil koppji li jiddeċiedu li jkomplu bil-karriera tagħhom bil-familja tagħhom ibbażata Għawdex, u lil familji li joqogħdu Malta u jiddeċiedu li jiġu lura Għawdex. Din l-iskema tkun tinħtieġ li wieħed jagħti provi ċari li verament qed jgħix bil-familja f'Għawdex, bħal ngħidu aħna, il-kuntratt tax-xiri tad-dar, kuntratt ta' kera tad-dar, kontijiet tad-dawl u l-ilma, tagħrif fuq ir-reġistrazzjoni tat-tfal fl-iskejjel f'Għawdex, u provi oħrajn li juru li verament familja tkun qed tgħix fil-gżira. Din l-iskema tingħata lil massimu ta' 1,500 familja fuq perjodu ta' ħames snin. Din l-iskema mistennija tiswa €15-il miljun fuq medda ta' ħames snin. Din il-politika tikkumplimenta proposti oħra għall-ħolqien ta' mpjiegi u s-sostenibbiltà soċjali/kulturali f'Għawdex.

Il-ħolqien mill-ġdid ta' bilanċ demografiku ċertament iwassal b'mod naturali għal effett multiplu fuq l-ekonomija u r-realtajiet soċjali ta' Għawdex. L-iskejjel, li bħalissa qegħdin jitbattlu b'ritmu mgħaġġel, jergħu jaraw żieda fil-popolazzjonijiet tagħhom, ħaġa li twassal għall-bżonn ta' iżjed edukaturi li ħafna minnhom jaqsmu kuljum lejn Malta. Is-suq tal-proprjetà jsib mill-ġdid kategorija ġdida ta' residenti lokali li jixtiequ jagħmlu minn Għawdex id-dar tagħhom. Fuq kollox, dan iħalli impatt pożittiv fuq il-qasam tan-negozju u dak soċjo-kulturali, u eventwalment, fuq dak tal-volontarjat.

Id-domanda għal servizzi tal-kura tat-tfal se tkompli tikber. Skond l-istatistika uffiċjali, Għawdex għandu l-ikbar qasam ta' servizzi informali ta' childcare. Flimkien ma' strutturi ikbar li diġà jeżistu jew qed jiġu proposti, hemm lok għall-ħolqien ta' servizzi ta' childcare bbażati fid-djar li jindirizzaw numru żgħir ta' tfal. Din it-tip ta' attività diġà hija regolata. Se nipprovdu inċentivi biex nigbdu nies li bħalissa jinsabu barra mis-suq tax-xogħol sabiex jibdew din il-kwalità ġdida ta' servizz, u hekk noħolqu opportunità – fost l-oħrajn – għal ommijiet bi tfal żgħar u nanniet li diġà jduru bin-neputijiet tagħhom.

Għawdex jenħtieġ ukoll jinvesti iktar fl-iżvilupp ta' faċilitajiet ta' rikreazzjoni fejn il-familja tista' tqatta' l-ħin flimkien, biex hekk jiġbed lejh iktar familji żgħar. Waqt li strutturi ta' din ix-xorta twaqqfu b'suċċess kbir f'Malta (ngħidu aħna f'Ta' Qali u f'Wied il-Għajn), faċilitajiet simili huma neqsin f'Għawdex. Dawn il-faċilitajiet rikreattivi ma nistgħux ngħaddu mingħajrhom biex iżommu familji żgħar fil-gżira u jiġbdu lejha oħrajn ġodda.

# BIEX IL-FAMILJI ŻGĦAŻAGĦ JIRNEXXU MILL-ĠDID F'GĦAWDEX

33. Ineħħu għal kollox it-taxxa tal-boll fuq ix-xiri tal-ewwel proprjetà għal dawk li jixtru dar f'Għawdex.

34. Nipprovdu €10,000 fi Skema ta' Sapport lill-Familji Żgħar li jagħżlu li jgħixu f'Għawdex.

35. Nagħtu inċentivi biex ikun hemm servizzi tal-kura tat-tfal ibbażati fid-dar.

36. Nifthu Ċentru Reġjonali ta' Childcare li jindirizza wkoll il-bżonnijiet ta' ġenituri li jaħdmu Malta billi jiftaħ għal sigħat itwal.

37. Ninvestu €4 miljun biex noħolqu spazji ġodda ta' rikreazzjoni u edukazzjoni non-formali li jolqtu liż-żgħażagħ, it-tfal u l-familji Għawdxin.

38. Inwettqu l-proġett taċ-Ċentru għall-Iżvilupp tat-Tfal u nigbru fih is-servizzi kollha soċjali, edukazzjonali u tas-saħħa marbuta mat-tfal, biex hekk noħolqu tim multidixxiplinari li jaħdem mat-tfal Għawdxin.

8

# INWIEŻNU T-TIĠDID F'GĦAWDEX: NINVESTU FIN-NEGOZJI TAGĦNA

L-għan ta' kull intraprenditur huwa li jibda negozju, isostnih, u li jagħmel suċċess minnu. Li dan jirnexxi f'Għawdex huwa iktar impenjattiv. Gvern Nazzjonalista ġdid iwiegħed li jgħin lin-negozji li joperaw minn Għawdex kemm b'liġijiet li jweżnuhom, u kemm b'firxa ta' miżuri finanzjarji u amministrattivi li jgħinu lin-negozji f'Għawdex jissaħħu u jikbru.

Il-banek huma kawti ħafna meta jiġu biex jipprovdu finanzjament, u kultant dawk l-intraprendituri li tassew jenħtieġu dan il-finanzjament ma jirnexxilhomx jiksbuh. Għalhekk, Gvern Nazzjonalista ġdid jikkommetti ruħu li jwieżen lin-negozju f'Għawdex billi jipprovdi finanzjament, jew billi jassumi rwol ta' silent partner. Dan iseħħ permezz ta' strument apposta fil-Malta Development Bank li jippromovi l-investiment f'Għawdex.

*"Nippromovu l-koperazzjoni fost dawk li jipproduċu u jimmanifatturaw prodotti magħmula f'Għawdex"*



# INWIEŻNU T-TIĠDID F'GĦAWDEX: NINVESTU FIN-NEGOZJI TAGĦNA

Għawdex għandu bżonn joffri opportunitajiet ta' xogħol li jkunu differenti minn Malta. Għawdex m'għandux jikkompeti ma' Malta għall-investiment, imma ż-żewġ gżejjer għandhom jikkumplimentaw lil xulxin. Gvern Nazzjonalista ġdid jiżviluppa Ċentru ta' Kreattività u Tiġdid fis-sit fejn qabel kien hemm il-Malta Dairy Products fix-Xewkija, waqt li jżomm il-karatteristiċi arkitettoniċi tal-post. Dan iċ-Ċentru joffri spazju b'xejn għal negozji ġodda f'Għawdex għall-ewwel tliet snin tal-ħidma tagħhom. Wara dawn is-snin, l-ispazju jingħata b'rati sussidjati. Flimkien mal-kumplament tal-miżuri l-oħrajn, din l-inizjattiva tiżgura ħolqien ta' mpjiegi ġodda f'Għawdex.

Huwa essenzjali li Għawdex jissokta jinvesti u jippromovi l-prodotti tiegħu. Dan hu settur li ntesa minn dan il-Gvern. Gvern Nazzjonalista ġdid iwaqqaf il-Fondazzjoni 'Made in Gozo' li tgħaqqad flimkien u tippromovi l-koperazzjoni fost dawk li jipproduċu u jimmanifatturaw prodotti magħmula f'Għawdex u jaħdmu flimkien għall-promozzjoni tagħhom.

Diffikultà oħra li jħabbtu wiċċhom magħha ċerti tipi ta' negozji ġodda f'Għawdex hija l-ispazji minn fejn jistgħu jaħdmu. Huwa fatt li fl-imgħoddi, numru ta' SMEs ma rnexxilhomx jiftħu f'Għawdex minħabba din il-problema. L-għan tal-Hub għall-SMEs huwa li tiġi solvuta din il-problema, u ma' din, il-problema ta' SMEs diġà eżistenti f'Għawdex li qed ikollhom il-problemi fejn qegħdin illum. B'differenza minn żminijiet oħrajn, fejn l-ispazju kien jingħata lil SME skont tipproduċix prodott jew le, dan il-prinċipju ma jibqax japplika. Dan l-ispazju jingħata lill-SMEs b'rata sussidjata għall-ewwel ħames snin.

SMEs li diġà jaħdmu f'Għawdex u li jagħżlu li jibqgħu jaħdmu mill-post preżenti tagħhom, jingħataw kreditu ta' taxxa biex jimmodernizzaw il-post minn fejn jaħdmu bħalissa. Dan il-kreditu jkun jista' jiġi rkuprat tul ħames snin.

Fl-aħħar nett, bil-ftuħ tal-Uffiċċju tal-MFSA f'Għawdex, isir iktar possibbli li Għawdex jistabbilixxi n-niċċa tiegħu ta' servizzi finanzjarji.

39. Noħolqu allokazzjoni speċjali tal-Malta Development Bank għall-investiment tan-negozju f'Għawdex.

40. Noħolqu Ċentru ta' Kreattività u Tiġdid fis-sit fejn qabel kien hemm il-Malta Dairy Products fix-Xewkija.

41. Noħolqu Fondazzjoni għall-marka 'Made in Gozo' li tgħaqqad flimkien u tippromovi l-koperazzjoni fost dawk li jipproduċu u jimmanifatturaw prodotti magħmula f'Għawdex.

42. Niżviluppaw Ċentru għal Intrapriżi Żgħar u Medji (SMEs) li jkun magħmul minn garaxxijiet u units.

43. Nagħtu kreditu ta' taxxa ta' 25% fuq l-investiment lil negozji f'Għawdex li jagħżlu li jimmodernizzaw il-post minn fejn joperaw fil-preżent.

44. Gvern Nazzjonalista ġdid jiftaħ uffiċċju tal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA) f'Għawdex li jipprovdi s-servizzi kollha tal-Awtorità f'Għawdex.

9

# TURIŻMU: INSAĦĦU PILASTRU TAL-EKONOMIJA TA' GĦAWDEX

*"Nirduppjaw l-allokazzjoni tal-baġit għar-reklamar internazzjonali ta' Għawdex"*

It-Turiżmu jikkontribwixxi għal nofs l-attività ekonomika u l-ġid li jiġġenera Għawdex. Waqt li se nfittxu li nissoktaw nkabbru u niddiversifikaw l-ekonomija ta' Għawdex, ċertament se nagħmlu minn kollox biex dan is-settur daqshekk importanti jibqa' b'saħħtu. Is-settur tat-turiżmu evolva f'Għawdex mal-medda taż-żmien, u dawk involuti fis-settur kellhom jadattaw ruħhom il-ħin kollu, ħafna drabi bi ppjanar tajjeb u b'sagrifiċċji personali.

It-turiżmu f'Għawdex sal-lum għadu tista' tgħid ibbażat fuq il-karatteristiċi tradizzjonali tal-baħar u x-xemx, u jbagħti mhux ftit mill-problema tal-istaġjonalità. Biex naraw li din il-folja tinqaleb, Gvern Nazzjonalista ġdid jintroduċi sensiela ta' miżuri biex intaffu mill-effetti tal-istaġjonalità b'inċentivi biex jiżdiedu t-turisti fix-xhur iktar kwieti. Flimkien ma' numru ta' masterplans intenzjonati biex jgħollu l-livell tal-infrastruttura fil-gżira, infittxu li noħolqu attivitajiet turistiċi ġodda u nsaħħu oħrajn li għandhom potenzjal li jikbru bħal, ngħidu aħna, in-niċċa ta' Għawdex bħala 'Gżira tal-avventura'. Dawn in-niċeċ huma wisq inqas suxxettibbli għall-istaġjonalità.

L-Istitut għall-Istudji Turistiċi fil-Qala għandu jfittex alleanzi strateġiċi ma' brands internazzjonali tal-ospitalità u ma' operaturi turistiċi fil-gżira stess biex jiżgura li l-programm ta' studju li joffri jkun tal-livell mixtieq mill-industrija, u joffri lill-istudenti tiegħu esperjenza internazzjonali.

Dawn il-miżuri jitwaħħdu flimkien ma' diversi strateġiji li jwasslu għal tkabbir sostenibbli fis-settur tat-turiżmu f'Għawdex, filwaqt li l-ekonomija ta' Għawdex tibqa' tiddiversifika.



# TURIŻMU:
# INSAĦĦU PILASTRU
# TAL-EKONOMIJA TA' GĦAWDEX

45. Irroddu f'valur monetarju l-bolla tal-ħaddiema mħallsa minn min iħaddem u l-liċenzja tal-MTA lil negozji fis-settur turistiku għall-perjodu bejn il-bidu ta' Novembru u l-aħħar ta' Frar. Dan biex nagħmlu tajjeb għall-problema tal-istaġjonalità tat-turiżmu f'Għawdex.

46. Niżguraw li Għawdex ikun destinazzjoni ta' eċċellenza fil-Mediterran għall-għaddasa billi nimplimentaw il-Masterplan għall-Għads f'Għawdex.

47. Nagħtu ħajja ġdida lill-Istitut għall-Istudji Turistiċi fil-Qala biex jerġa' jibda jiżviluppa r-riżorsa umana għas-settur tat-turiżmu f'Għawdex.

48. Inniedu skema għal bdiewa żgħar u operaturi rurali oħra biex itejbu l-infrastruttura tagħhom u jibdew joffru esperjenzi rurali.

49. Nibnu Rmiġġ permanenti għall-Cruise Liners fil-Port tal-Imġarr u nniedu kampanja internazzjonali biex nattiraw Boutique Cruises lejn Għawdex.

50. Invaraw programm kontinwu ta' manutenzjoni u titjib tal-mixjiet fil-kampanja u tal-kampanja b'mod ġenerali.

51. Nirduppjaw l-allokazzjoni tal-baġit għar-reklamar internazzjonali ta' Għawdex għal €2 miljuni fis-sena. Parti minn dan il-fond jintuża biex isiru public-private partnerships biex jikber ir-reklamar ta' Għawdex barra minn Malta.

52. Nikkummissjonaw floating berths ġodda f'żoni tal-kosta li għandhom ambjent sensittiv, sabiex tixxejjen il-ħsara ambjentali li ssir mill-ankri u b'hekk nipproteġu wkoll is-settur tal-għads.

53. Nintroduċu Żoni Marittimi Protetti ġodda f'Għawdex biex ngħinu fit-tkabbir tal-popolazzjonijiet tal-ħut, u hekk ngħinu wkoll l-industrija tal-għads.

54. Jiġi mniedi kalendarju ta' attivitajiet kulturali li jinkludi inizjattivi internazzjonali tul is-sena kollha li jkun imsaħħaħ mill-Gozo Culture Development Fund u li jkollu l-għan li jiġbed lejh turisti tul is-sena kollha.

10

# EDUKAZZJONI: NIPPROVDU L-GĦODDA T-TAJBA

L-Edukazzjoni hija l-pedament tal-iżvilupp tal-gżira ta' Għawdex, u f'dan l-aspett, Għawdex qatt ma qagħad lura milli jwieżen liż-żgħażagħ tiegħu biex jiżviluppaw u jirnexxu. Is-settur tal-Edukazzjoni f'Għawdex huwa ċertament storja ta' suċċessi kbar – bi skejjel ta' kwalità u proporzjon qawwi ta' studenti Għawdxin li jilħqu livelli postsekondarji u terzjarji.

Minkejja s-suċċess tal-imgħoddi, m'hemm l-ebda lok li wieħed iserraħ moħħu, jew li ma jiħux il-ġejjieni bis-serjetà. L-ambjent pożittiv f'Għawdex f'dan ir-rigward irid jibqa' jiġi mwieżen, biex jibqa' jħalli r-riżultati u biex niżguraw li l-iżvilupp tal-Għawdxin jibqa' jkun is-sisien ta' soċjetà u ekonomija ta' suċċess.

Għawdex diġà għandu l-infrastruttura kollha meħtieġa biex ikollna sistema edukattiva b'saħħitha għal matul il-ħajja kollha. Madankollu, fis-snin li għaddew rajna li xi wħud minn dawn l-istituzzjonijiet li għandna tilfu mill-kwalità u l-impatt li kellhom, u llum saru irrilevanti, jew inkella mhumiex jilħqu l-aspirazzjonijiet ta' Għawdex biex ikollna riżorsa umana isħaħ u ekonomija sostenibbli.

*"L-ambjent pożittiv f'Għawdex irid jibqa' jiġi mwieżen, biex niżguraw li l-iżvilupp fl-edukazzjoni jibqa' jkun is-sisien tas-soċjetà"*

Il-Kampus tal-Università ta' Malta f'Għawdex – f'sinerġija mal-Ministeru għal Għawdex u istituzzjonijiet ekonomiċi u soċjali oħrajn – għandu jiżviluppa programmi ta' studju ġodda li hawn bżonn f'Għawdex



# EDUKAZZJONI: NIPPROVDU L-GĦODDA T-TAJBA

55. L-Iskola Primarja l-ġdida fil-Belt Victoria titlesta fl-inqas żmien possibbli, u hekk isir possibbli t-tkabbir u l-immodernizzar tal-Librerija Nazzjonali ta' Għawdex u tal-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex.

56. Ninvestu bil-qawwa fil-Kampus ta' Għawdex tal-Università ta' Malta. Dan il-Kampus ifittex li jingħaqad f'alleanzi strateġiċi internazzjonali biex isir ċentru ta' riferiment fir-reġjun tal-Mediterran.

57. Inkomplu ninvestu fil-Kampus ta' Għawdex tal-MCAST u ngħinu biex dan iwessa' l-programm ta' studji u korsijiet li joffri, e.g. akkademja internazzjonali tal-għads għas-settur marittimu li jinkludi l-esplorazzjoni għaż-żejt u l-gass, bl-iskop li jibda jħajjar wkoll studenti minn Malta u minn pajjiżi oħra għal korsijiet speċjalizzati.

58. Noffru sistemi ta' tnaqqis ta' taxxa għal ġenituri ta' studenti Għawdxin li jkunu jistudjaw f'Malta, u b'hekk nassistu lil dawn il-familji fl-ispejjeż żejda li jkollhom dawn l-istudenti.

59. Invaraw programm ta' investiment fl-Iskola tal-Arti ta' Għawdex (Gozo Visual and Performing Arts School) biex din terġa' tingħata l-assi u l-għodda li tilfet taħt il-Gvern preżenti. B'hekk din l-Iskola terġa' tkun f'qagħda li twieżen l-iżvilupp ta' ħiliet li jiżguraw li l-oqsma tal-arti u l-artiġġjanat f'Għawdex jibqgħu b'saħħithom.

60. Il-Ministeru għal Għawdex joħloq strateġija biex iktar studenti jiġu mħajra jistudjaw suġġetti li għandhom x'jaqsmu max-Xjenzi, u jiżviluppa Laboratorju tal-Lingwi biex jippromovi l-multilingwiżmu. Kemm l-iskejjel pubbliċi u kemm dawk privati jkunu inklużi f'dawn iż-żewġ programmi.

61. Inkomplu nsostnu l-użu ta' faċilitajiet ta' video conferencing fil-Kampus ta' Għawdex tal-Università ta' Malta.

fil-preżent, u programmi oħrajn li jistgħu jħajjru studenti minn Malta u minn pajjiżi oħrajn. Il-Kampus għandu jidentifika oqsma strateġiċi ta' tagħlim biex fihom isir Ċentru ta' Eċċellenza.

Aħna niżguraw li s-sistema edukattiva f'Għawdex tkun kollha kemm hi mmirata biex tgħin lill-Gvern iwassal lil Għawdex għal ekonomija stabbli u b'saħħitha, u għal soċjetà li tagħraf u tuża l-ħiliet u l-għarfien tal-membri kollha tagħha.

Il-Ministeru għal Għawdex jerġa' jingħata lura r-rwol importanti tiegħu fil-qasam tal-edukazzjoni f'Għawdex. Bħal dejjem, niżguraw li nipprovdu dak kollu li hu meħtieġ f'dan is-settur għal ġejjieni sabiħ għall-gżira ta' Għawdex.

Meħuda minn **forzanazzjonali.com/Ideat** eDemocracy Platform

# LEJN ĦAJJA SOSTENIBBLI F'GĦAWDEX



*"Qed nipproponu proġett pilota ta' pedestrijanizzazzjoni tal-pjazez lokali matul tmiem il-ġimgħa"*



Matul is-snin l-istil tal-ħajja f'Għawdex evolva b'modi li adattaw ruħhom għal bosta ħtiġijiet. Kienet x'kienet it-triq ta' evoluzzjoni li ħa l-istil ta' ħajja Għawdxija, dan dejjem fittex li jkun sostenibbli. Ħafna limitazzjonijiet u pressjonijiet żammew lura din l-evoluzzjoni milli tesprimi ruħha b'mod sħiħ. Għalhekk qed infittxu li nniedu sett ta' proposti li jippruvaw itaffu ftit minn dawn il-pressjonijiet u kundizzjonamenti.

Il-veru karattru tal-identità Għawdxija u d-dinamika soċjali joħorġu fid-diversi ċentri tal-belt u l-irħula. Fl-aħħar snin il-ġenerazzjoni żagħżugħa reġgħet sabet fil-pjazez lokali l-post fejn tiltaqa' u tissoċjalizza. Imma dan b'xi mod ġie kkundizzjonat mill-pressjoni tal-influss tat-traffiku li jrid jiġi akkomodat. Bħala parti minn strateġija ħajja li tfittex l-interess sħiħ tal-komunitajiet tagħna, qed nipproponu proġett pilota ta' pedestrijanizzazzjoni tal-pjazez lokali matul tmiem il-ġimgħa; minn tard is-Sibt filgħaxija sal-Ħadd tard waranofsinhar. Dan joħloq dinamika fil-qalba ta' kull lokalità biex terġa' tieħu l-ħajja fi tmiem kull ġimgħa u fejn il-familji jistgħu jsibu l-ambjent sigur għalihom biex jieħdu pjaċir u fejn iż-żgħażagħ jistgħu jiltaqgħu mingħajr il-ħtieġa li joqogħdu jagħmlu l-wisa' għat-traffiku. Dan l-eżerċizzju jifforma parti minn pjan iktar wiesa' u ħolistiku ta' kontroll aħjar tat-traffiku li jinkuraġġixxi l-użu inqas ta' karozzi u stil ta' ħajja iktar attiv.

# LEJN ĦAJJA SOSTENIBBLI F'GĦAWDEX

62. Inġeddu l-Istrateġija Lokali ta' Żvilupp Sostenibbli għal Għawdex, biex Għawdex jerġa' jkun fuq quddiem biex jilħaq miri għolja ta' żvilupp sostenibbli għal kwalità ta' ħajja aħjar.

63. Inniedu proġett pilota għall-pedestrijanizzazzjoni taċ-ċentri tal-bliet u l-irħula fi tmiem il-ġimgħa.

64. Niżviluppaw Strateġija għall-Immaniġġjar tal-Ilma f'Għawdex fid-dawl tal-Pjan Nazzjonali dwar l-Ilma. Din l-istrateġija twassal biex jitwettqu proġetti pilota f'Għawdex għall-ħarsien u l-użu sostenibbli ta' din ir-riżorsa.

65. Nipprovdu pulmuni ħodor ġodda fiċ-ċentri urbani.

66. Nibdew proċess qawwi ta' reviżjoni, tiġdid u promozzjoni ta' karreġġjati tar-roti u infrastruttura simili, eż. racks għall-parkeġġ tar-roti f'Għawdex, biex inħajru stil ta' ħajja iktar attiv u bidla parzjali fil-modi ta' trasport.

67. Noħolqu Fond ta' €10 miljun għal Għawdex Sostenibbli li parzjalment iġib fondi mill-irċevuti tat-taxxi f'Għawdex biex ninċentivaw negozji u operaturi industrijali ħalli jinvestu f'makkinarju u għodod ta' enerġija effiċjenti.

68. Inniedu pjan biex sal-2030 Għawdex isir gżira-reġjun zero-carbon, billi ninċentivaw bil-kbir l-enerġiji rinnovabbli, eż. l-enerġija solari u l-iċċarġjar tal-karozzi tal-elettriku b'xejn.

Iż-żoni mibnija ta' Għawdex iridu jikkumplimentaw il-pajsaġġ iktar wiesa' tal-gżira. Għalhekk qed nipproponu li nżidu għadd ta' pulmuni ħodor fiż-żoni urbani. Dawn il-miżuri se jikkontribwixxu għal parti minn pjan biex jitrażżan l-impatt tat-traffiku u jipprovdu wkoll mezz ta' tisbiħ u titjib tal-partijiet mibnija ta' Għawdex.

Bħala parti mill-promozzjoni attiva ta' stil ta' ħajja iktar b'saħħtu, ħa nfittxu li nirrevedu, inġeddu u nippromovu l-karreġġati tar-roti f'Għawdex. Dawn jiġu inkorporati fi proġetti ta' toroq ġodda, mill-Belt Victoria għax-Xagħra, u min-Nadur għal Marsalforn, rispettivament. Dan jgħin ukoll il-viżjoni li nippromovu lil Għawdex bħala gżira ta' avventura. Infrastruttura li takkomoda liċ-ċiklisti tippromovi wkoll bidla parzjali fil-mod kif nużaw it-trasport madwar il-gżira ta' Għawdex.

Il-viżjoni fit-tul hi li Għawdex sal-2030 isir gżira reġjun bla emissjoni ta' karbonju fejn miżuri ta' enerġija nadifa bħalma hi l-enerġija solari, jiġu inċentivati bil-kbir fil-gżira. Iktar minn hekk, irridu nippromovu l-gżira bħala suq speċjalizzat għal operaturi żgħar u medji ta' enerġija rinnovabbli biex jittestjaw teknoloġiji ġodda fil-gżira ta' Għawdex. Barra mill-inċentivi fiskali, il-Partit Nazzjonalista qed jipproponi li jitwaqqaf Fond ta' €10 miljun għal Għawdex Sostenibbli, bl-għan li jipprovdi inċentiv lin-negozji u l-operaturi industrijali ħalli jinvestu f'makkinarju u għodda ta' enerġija effiċjenti.

12

# ĠEJJIENI ISBAĦ GĦALL-BDIEWA U S-SAJJIEDA TAGĦNA

L-oqsma tal-biedja u s-sajd huma ta' importanza strateġika u għandhom sehem sinifikanti fl-iżvilupp sostenibbli ta' Għawdex.

Esperti fil-qasam huma tal-fehma li barra milli qed jipprovdi l-għajxien jew dħul ikbar għal ħafna familji Għawdxin, il-qasam tal-biedja u s-sajd jipprovdi bosta servizzi li għandhom potenzjal qawwi ta' tkabbir u sinerġiji oħra li għandhom jiġu utilizzati b'mod sħiħ.

Il-kontribut tal-bidwi lill-ekonomija u l-kwalità tal-ħajja jmur lil hinn mill-profitt u l-interessi kummerċjali. Il-bidwi għandu rwol ċentrali fil-ħarsien tal-kampanja u l-pajsaġġ Għawdxi, li għandhom impatt dirett fuq it-turiżmu u l-kwalità tal-ħajja tagħna bħala ċittadini Għawdxin. Iktar minn hekk, il-bdiewa huma essenzjali għall-konservazzjoni u l-immaniġġjar ta' riżorsi bħall-ħamrija, l-ilma u l-wirt ġenetiku tal-ekosistema ta' gżiritna.

Fis-sitwazzjoni preżenti, il-Partit Nazzjonalista jagħraf li l-qasam tal-biedja u s-sajd qiegħed f'salib it-toroq, u hemm bżonn li jittieħdu malajr deċiżjonijiet politiċi kuraġġużi.

Fl-ewwel mitt jum ta' Gvern Nazzjonalista ġdid, inniedu konsultazzjoni mal-koperattivi, għaqdiet tal-bdiewa, raħħala u sajjieda biex infasslu strateġija ċara għall-Agrikultura u s-Sajd f'Għawdex.

Fil-qasam tas-sajd, jenħtieġ ta' diversifikazzjoni li tiżgura sorsi ġodda ta' dħul li jikkumplimentaw l-attività tradizzjonali tas-sajd.

Hu importanti ħafna li Għawdex jimmira li jsir ċentru ta' eċċellenza fir-reġjun f'dawk li huma biedja u ambjent sostenibbli. Il-biedja toffri lil Għawdex opportunità tad-deheb u sinerġiji ma' setturi oħra, bħat-turiżmu, il-farmaċewtika u prodotti mhux maħsuba għall-industrija tal-ikel, fost l-oħrajn. Amministrazzjoni Nazzjonalista ġdida twiegħed li tara dan il-qasam jiżviluppa f'suq speċjalizzat ġdid u ta' suċċess. Fuq kollox, timpenja ruħha wkoll biex tixpruna ż-żieda ta' riżorsi umani ġodda fil-biedja, speċjalment mill-ġenerazzjoni żagħżugħa li tielgħa, biex jibdew karriera f'dan il-qasam.

Fl-istess ħin, hemm aspetti li qed itellfu dan is-settur, u li jenħtieġ jissolvew bla iktar dewmien. Fost kwistjonijiet oħra, qed nimpenjaw ruħna li nilħqu ftehim mal-bdiewa tal-irziezet dwar it-trattament tal-iskart tal-annimali li idealment iġib dħul ġdid għalihom; it-tqassim tal-ilma proċessat mill-impjant tat-trattament tad-drenaġġ jibda jitqassam lill-bdiewa; nikkumpensaw b'lura lil dawk il-bdiewa li ġew imħeġġa jinvestu f'forom rinnovabbli ta' enerġija imma li spiċċaw tilfu bil-kbir minħabba f'burokrazija żejda; nibdew proġett ambizzjuż ta' tqassim u skambju ta' biċċiet ta' art, biex nikkonsolidaw l-għelieqi flok inħallu aktar art tinqasam f'biċċiet żgħar. Niftħu Ċentru ta' Innovazzjoni u Riċerka fl-Agrikultura u l-Ambjent fix-Xewkija bl-għan li jsir ċentru ta' eċċellenza f'dan il-qasam. Fuq kollox, nippromovu l-kunċett ta' prodotti "zero-kilometer" li jħeġġu l-użu ta' prodotti lokali fil-gżira. Dan jikkumplimenta t-tikketta "Made in Gozo" li tkun tapplika għall-proċessi ta' prodotti agrikoli lokali bħal ġbejniet, għasel, inbid u ikel ieħor ipproċessat lokalment.

Il-Partit Nazzjonalista jemmen li l-oqsma tal-biedja u s-sajd jistgħu jkunu ta' suċċess kbir f'Għawdex jekk

# ĠEJJIENI ISBAĦ GĦALL-BDIEWA U S-SAJJIEDA TAGĦNA

69. Inħallsu l-kontijiet pendenti u nonoraw il-ftehim li kien sar għall-immodernizzar ta' rziezet tal-bhejjem.

70. Noħolqu fond ta' investiment għal biedja innovattiva f'Għawdex biex ninkuraġġixxu prodotti u proċessi ġodda, grading, kif ukoll ideat innovattivi.

71. Inniedu proġett pilota fuq bażi volontarja biex isir tqassim mill-ġdid jew skambju tal-art, f'kollaborazzjoni mal-bdiewa lokali, biex tissolva l-kwistjoni tat-tħarbit tal-art agrikulturali.

72. Niftħu Istitut tax-Xjenza fl-MCAST ta' Għawdex u nniedu programmi ta' studji tal-Agribusiness u t-tekonoloġija.

73. Nintroduċu mekkaniżmu ta' kumpens retrospettiv għal dawk il-bdiewa li investew ħafna f'forom sostenibbli u rinnovabbli ta' enerġija u nżammu lura minħabba burokrazija żejda biex jiġu mgħaqqda mas-sistema tad-distribuzzjoni, u li għalhekk sofrew telf finanzjarju konsiderevoli.

74. Noħolqu fond speċjali biex ngħinu lill-ġenerazzjoni ż-żgħira tal-bdiewa, biex tidħol u tinvesti fis-settur tal-biedja.

75. Inniedu bosta proġetti u inċentivi biex il-bdiewa u s-sajjieda lokali jiddiversifikaw il-prodott tagħhom, eż. jaqilbu għal biedja organika jew immaniġġjar integrat tar-riżorsi, joffru esperjenzi turistiċi bħala parti mill-prodott tagħhom, proċessar tradizzjonali, eċċ.

76. Inniedu kampanja mar-ristoranti u l-istabbilimenti lokali Għawdxin biex dawn jippromovu aktar il-prodott Għawdxi.

77. Infasslu u nwettqu sistema ta' distribuzzjoni għall-ilma mit-tisfija tad-drenaġġ (New Water) biex dan jibda jitqassam lill-bdiewa bla iktar dewmien.

jingħataw l-inċentivi t-tajba, u l-bdiewa u s-sajjieda lokali jiġu mħajra jkunu iktar kreattivi. Il-Partit Nazzjonalista jemmen li dawn l-oqsma għandhom futur u l-kontribut tagħhom lit-tessut soċjo-ekonomiku Għawdxi jmur lil hemm miċ-ċifri ekonomiċi. Għalhekk il-Partit Nazzjonalista hu determinat li jagħti nifs ġdid lil dawn l-oqsma biex isiru iżjed sostenibbli u jkunu jistgħu jiżguraw ġejjieni ta' suċċess.



13

# L-ANZJANI: NAFUHOM IL-PREŻENT U L-ĠEJJIENI TAGĦNA

Il-fibra morali ta' kull soċjetà titkejjel minn kif tittratta lil dawk fi ħdanha li huma l-iktar vulnerabbli. Fil-kultura tagħna għad hemm lok għall-anzjani biex dawn jibqgħu attivi fis-soċjetà, u mhumiex meqjusa biss bħala sezzjoni tal-popolazzjoni li teħtieġ l-għajnuna u l-kura. L-anzjani tagħna għadhom attivi fil-komunità, u huma ta' għajnuna kbira għall-ġenerazzjonijiet iżgħar. L-anzjani tagħna huma dawk li għaddewlna l-kultura, l-identità, l-esperjenzi u l-għarfien biex inkunu nistgħu nlaħħqu mal-ħajja, u nrabbu tajjeb lil uliedna.

*"Qed nintroduċu numru ta' miżuri biex inwieżnu lill-anzjani tagħna u fl-istess ħin nixprunawhom biex jibqgħu attivi fis-soċjetà"*



# L-ANZJANI: NAFUHOM IL-PREŻENT U L-ĠEJJIENI TAGĦNA

L-anzjani tagħna mhumiex piż. Huma l-valuri u l-kuxjenza tagħna. Waqt li nagħrfu l-kontribut tagħhom, Għawdex juri l-apprezzament tiegħu lejhom u hu grat għall-kontribut tagħhom – kemm fl-imgħoddi u kemm dak preżenti – b'riżq l-iżvilupp ta' soċjetà b'saħħitha li ngawdu llum.

Il-Partit Nazzjonalista jagħraf is-saħħa u d-determinazzjoni tal-anzjani tagħna, u l-ħila tagħhom li jkunu l-fibra morali u soċjali tagħna llum u fiż-żminijiet li ġejjin. Sadattant, aħna nħossuna obbligati li nipprovdu dak kollu meħtieġ biex ngħollu l-kwalità tal-ħajja u nwieżnu lill-anzjani tagħna.

Għal dan il-għan, qed nintroduċu numru ta' miżuri biex inwieżnu lill-anzjani tagħna u fl-istess ħin nixprunawhom biex jibqgħu attivi fis-soċjetà.

Nipproponu li jkun hemm servizzi ta' Ġerentoloġija f'Għawdex mogħtija minn speċjalisti fil-qasam, u se naraw li titlesta d-Dar tal-Anzjani f'Għajnsielem, nimmodernizzaw il-faċilitajiet eżistenti, u nfittxu proġetti għal djar ġodda. Ninkuraġġixxu l-kontribut tal-anzjani lis-soċjetà tagħna b'modi tanġibbli. Ngħinu wkoll biex tiżdied il-mobbiltà tal-anzjani billi nagħmlu s-servizz tat-trasport pubbliku għalihom b'xejn.

78. Niżviluppaw xibka ta' servizzi għall-anzjani fil-komunità biex niżguraw li dawn jibqgħu jgawdu kwalità ta' ħajja tajba.

79. Ninkuraġġixxu lill-anzjani biex jużaw iktar it-trasport pubbliku billi nagħmlu s-servizz b'xejn għall-anzjani f'Għawdex.

80. Nikkommettu ruħna li nlestu d-Dar tal-Anzjani f'Għajnsielem bla iktar dewmien.

81. Nimmodernizzaw iċ-ċentri ta' kura u djar tal-anzjani eżistenti biex niżguraw li l-anzjani li jużawhom jingħataw l-aħjar servizz possibbli. Infittxu li nlaħħqu mad-domanda għal dawn is-servizzi mingħajr ma naqqgħu lura fil-kwalità tas-servizz.

82. Niżviluppaw kunċett fejn binjiet pubbliċi ġodda jiġu ddisinjati b'kunċetti ta' universal design u jkunu dementia-friendly. Dan bħala parti minn strateġija usa' li tagħmel minn Għawdex gżira għal kollox milħuqha u dementia-friendly.



14

# GĦAWDEX: SOĊJETÀ LI TINDOKRA LIL KULĦADD

*"Nagħtu lill-iskejjel kollha r-riżorsi li jeħtieġu biex ħadd mit-tfal ma jħossu maqtugħ 'il barra"*



Is-soċjetà Għawdxija hija soċjetà magħquda u li tfittex li tindokra lil kulħadd, speċjalment lil dawk li l-iktar li jenħtieġuha. Dan jidher biċ-ċar kemm permezz ta' ħidma volontarja li ssir personalment jew permezz tal-għaqdiet, u kemm permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għal ħafna għanijiet.

Is-soċjetà Għawdxija tixtieq tara li dak li tagħmel hi b'mod volontarju, jitkompla u jiġi msaħħaħ mill-Istat, ħalli tassew ħadd ma jaqa' lura.

Għal dan il-għan, nikkommettu ruħna li nniedu sett ta' inizjattivi biex is-soċjetà tagħna tkompli ssir waħda dejjem aktar inklussiva. Fil-kuntest taċ-Ċentru għall-Iżvilupp tat-Tfal, nipprovdu servizzi ta' kwalità lil tfal bi ħtieġijiet speċjali u lill-familji tagħhom. Dan is-servizz jiġi kkumplimentat b'servizzi inklussivi fl-iskejjel.

# GĦAWDEX: SOĊJETÀ LI TINDOKRA LIL KULĦADD



83. Fl-istruttura taċ-Ċentru għall-Iżvilupp tat-Tfal propost, nipprovdu servizz speċjalizzat għal tfal bi ħtieġijiet speċjali u niżguraw li b'hekk jingħataw il-kura u l-għajnuna li jeħtieġu fl-aħjar ambjent għalihom.

84. Nagħtu lill-iskejjel kollha r-riżorsi li jeħtieġu biex ħadd mit-tfal ma jħossu maqtugħ 'il barra. Nagħtu s-servizz ta' Learning Support Assistant (LSA) kull fejn jeħtieġ.

85. Nirrevedu l-ftehim mal-Fondazzjoni Arka sabiex din tkun f'qagħda li tkabbar is-servizzi tagħha.

86. Nilħqu ftehim ma' għaqdiet volontarji (NGOs) interessati li jiżviluppaw servizzi ta' saħħa mentali fil-komunità u kura paljattiva f'Għawdex.

Ħafna drabi, l-NGOs speċjalizzati jkunu fl-aħjar qagħda biex iwettqu servizzi fil-komunità li jkunu jaqblu mal-ħtieġijiet tal-individwu. Għal dan l-għan, nikkommettu ruħna li nirrevedu l-ftehim tal-Gvern mal-Fondazzjoni Arka biex din tkabbar is-servizzi tagħha. Nagħmlu dak kollu possibbli biex f'Għawdex jidħlu s-servizzi tal-kura tas-saħħa mentali fil-komunità u kura paljattiva, li s'issa għadhom ma jeżistux f'din il-gżira.

15

# GĦAWDEX: FESTA TA' KULTURA

*"Noħolqu l-ambjent biex artisti żgħażagħ jimxu 'l quddiem u jistabbilixxu ruħhom kemm lokalment u kemm internazzjonalment"*



Għawdex tabilħaqq huwa festa ta' kultura. F'din il-gżira, elementi, tipi u espressjonijiet differenti jingħaqdu flimkien u joħolqu esperjenza unika. Il-qasam tal-kultura f'Għawdex huwa b'saħħtu u l-kobor tiegħu jiżboq iċ-ċokon tal-gżira u tal-popolazzjoni tagħha. L-investiment kulturali f'Għawdex huwa sostanzjali, u jiġi minn diversi sorsi, kemm pubbliċi u kemm privati, grazzi għall-għaqdiet volontarji.

Ix-xena kulturali Għawdxija hi mimlija b'inizjattivi u attivitajiet. Għawdex huwa b'saħħtu ħafna f'dak li għandu x'jaqsam mal-wirt storiku, l-istorja u l-kultura. Il-viżjoni tagħna hi li nkomplu nwieżnu dan l-ambjent biex narawh jiżviluppa u jikber, u biex naraw it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna jkomplu jiżviluppaw il-kreattività u t-talenti tagħhom.

Fl-aspett kulturali, Għawdex hu gżira sinjura. Madankollu, din ir-rikkezza għadha mhix tikkontribwixxi biżżejjed u daqskemm imiss lejn l-ekonomija tal-gżira. Għandna viżjoni li naraw lil Għawdex jiżviluppa f'Ċentru ta' Kreattività u Innovazzjoni Kulturali. Dan jiġbed iktar nies lejn Għawdex, mhux biss bħala turisti, imma biex jipparteċipaw, jgħallmu, jitgħallmu, jaqsmu l-esperjenzi u jibnu networks ġodda. Għawdex għandu l-potenzjal li jsir Ċentru ta' Eċċellenza Kulturali għall-Mediterran u l-Ewropa.

Il-ħajja fuq dawn il-gżejjer hija msawra mill-espressjoni kulturali u artistika. Insemmu l-knejjes, it-tradizzjonijiet, il-każini tal-banda, l-artiġġjanat, it-teatri, l-organizzazzjonijiet, il-festa tal-patrun tar-raħal, il-Milied, l-Għid, il-Karnival, u oħrajn. Dawn kollha joffru sfond mill-aqwa li bih Għawdex tassew jista' jibdel lilu nnifsu fi Gżira tal-Kultura.

Ħafna minn dak li jenħtieġ biex dan iseħħ, diġà jeżisti. Il-mira tagħna hi li noħolqu qafas biex niġbru dak kollu li diġà jeżisti flimkien ħalli jissaħħaħ, jikber, u jikkontribwixxi ħafna iktar lejn it-titjib ekonomiku tal-gżira.

# GĦAWDEX:
# FESTA TA' KULTURA

87. Nimplimentaw il-proġett tal-Mużew ta' Għawdex (Gozo Museum)

88. Inwaqqfu Fondazzjoni għat-tmexxija u l-konservazzjoni taċ-Ċittadella u ċ-ċentru storiku tar-Rabat.

89. Noħolqu Fond biex ngħinu fil-konservazzjoni ta' wirt storiku fi proprjetà privata, u biex dan isir jintlaħaq mill-pubbliku.

90. Noħolqu Fond għall-Iżvilupp Kulturali biex nixprunaw u ngħinu Festivals, Opri, mużewijiet privati, artisti ġodda, artiġġjana u ċentri kulturali f'Għawdex.

91. Nagħmlu mir-raħal kollu tax-Xagħra Heritage Trail tal-Preistorja u nifthu l-Brochtorff Circle għall-pubbliku.

92. Nerġgħu nniedu l-Iskema tal-Arti Pubblika f'Għawdex li permezz tagħha nkomplu nwaqqfu xogħlijiet tal-arti f'postijiet pubbliċi.

93. Noħolqu l-ambjent biex artisti żgħażagħ jimxu 'l quddiem u jistabbilixxu ruħhom kemm lokalment u kemm internazzjonalment.

94. Inwaqqfu l-Heritage Park ta' Mġarr ix-Xini u nirrestawraw il-Pumping Station storika f'dan il-wied. Din il-binja tingħata għal attivitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' sport tal-avventura u sport marbut man-natura, edukazzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ilma u l-espressjoni kulturali.

95. Niżviluppaw Ċentru ta' Kreattività fuq l-istess linja tal-Kavallier ta' San Ġakbu fil-Belt Valletta. Dan iċ-ċentru jkollu l-għan ukoll li joħloq xibka fost l-infrastruttura kulturali li diġà teżisti f'Għawdex.

Fost l-inizjattivi li qed nipproponu hemm il-ħolqien ta' Fond għall-Iżvilupp Kulturali li parti minnu tiġi ffinanzjata minn taxxi miġbura minn Għawdex. Dan il-fond ikompli jgħin il-Festivals, Opri, mużewijiet privati u ċentri kulturali f'Għawdex. Hekk inkomplu ngħinu dawn l-assi li għandu Għawdex biex inżidu turiżmu ta' kwalità lejn il-gżira. F'dan il-kuntest, Gvern Nazzjonalista ġdid iwiegħed li joħloq servizz ta' tim professjonali speċjalizzat li jassisti fir-reklamar internazzjonali ta' Festivals u Opri biex tassew dawn iwasslu għal turiżmu ta' kwalità fil-gżira. S'issa, ix-xogħol imprezzabbli li jsir biex jittellgħu dawn l-avvenimenti għadu mhux imwieżen minn strateġija ta' reklamar professjonali u adegwata li hija essenzjali biex Għawdex tabilħaqq isir destinazzjoni kulturali kbira. Dan iwassal għal vantaġġi ekonomiċi kbar. Aħna nintrabtu li nagħmlu dak kollu meħtieġ biex nilħqu dan l-għan.

16

# SPORT: IL-PJAN TAGĦNA GĦAL GĦAWDEX IKTAR ATTIV

Ix-xena tal-isport f'Għawdex hija b'saħħitha grazzi għad-dedikazzjoni ta' mijiet ta' voluntiera li jagħtu mill-ħin tagħhom biex jaraw dan is-settur jimxi 'l quddiem. Jinsistu u jħabirku biex jirnexxu iktar, għalkemm is-sapport li jirċievu mhuwiex biżżejjed. L-organizzazzjonijiet lokali huma dawk l-iktar li jafu ċar x'inhu ta' ġid għalihom. Ħafna drabi, il-ħolm tagħhom jibqa' ma jseħħx minħabba nuqqas ta' riżorsi, kemm finanzjarji u kemm umani.

Aħna qed nikkommettu ruħna li jseħħ il-proġett tal-Pixxina fil-magħluq għal Għawdex, wara li f'dawn l-aħħar erba' snin ħlief wegħdi dwarha ma smajniex.

Għadd ta' organizzazzjonijiet sportivi għandhom faċilitajiet f'idejhom li joffru potenzjal li mhux jiġi utilizzat. Hemm lok li dawn l-għaqdiet jiġu inċentivati biex joħolqu dħul għalihom infushom mill-faċilitajiet li għandhom f'idejhom, u aħna lesti biex dan ninċentivawh. Dan jista' jsir billi parti mill-proprjetajiet tingħata għal użu kummerċjali, jew inkella bl-investiment f'enerġija li tiġġedded fuq il-bjut.

Inwaqqfu l-Fond għall-Isport f'Għawdex biex hekk ngħinu l-għaqdiet sportivi jinvestu u jtejbu l-faċilitajiet tagħhom. Dan il-fond jgħin ukoll biex l-għaqdiet jirnexxilhom ikebbsu fit-tfal tagħna kultura ta' sport u attività fiżika.

F'xi każi, l-infrastruttura tal-għaqdiet sportivi mhijiex tal-livell mixtieq, kemm minħabba nuqqas ta' manutenzjoni u kemm ta' riżorsi umani. Biex nindirizzaw din il-problema, qed nissuġġerixxu l-ħolqien ta' koperattiva għat-tmexxija ta' faċilitajiet sportivi li tkun tista' tgħin f'dan ir-rigward.



# SPORT: IL-PJAN TAGĦNA GĦAL GĦAWDEX IKTAR ATTIV







96. Inwettqu l-proġett tal-Pixxina fil-magħluq f'Għawdex.

97. Nagħtu lok għall-kummerċjalizzazzjoni ta' faċilitajiet tal-isport sabiex l-għaqdiet sportivi jsiru iktar sostenibbli.

98. Noħolqu fond għall-Isport f'Għawdex biex ngħinu lin-nurseries sportivi u jinbtu faċilitajiet ġodda f'Għawdex.

99. Nagħtu inċentivi biex isiru kampijiet ta' taħriġ f'Għawdex, biex hekk tikber in-niċċa ta' turiżmu sportiv.

100. Noħolqu koperattiva għat-tmexxija ta' faċilitajiet sportivi biex ngħinu fit-tmexxija u l-manutenzjoni ta' faċilitajiet immexxija mill-għaqdiet.



*"Noħolqu fond għall-Isport f'Għawdex biex ngħinu lin-Nurseries sportivi u jinbtu faċilitajiet ġodda f'Għawdex"*





Jien nagħżel
Malta.

ForzaNazzjonali.com

2017